27 ta' April, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Loreta Vella** *versus* **Freddie Vella**

**Separazzjoni Personali — Digriet tas-Sekond'Awla — Art. 552 u 470 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Kawża ta' separazzjoni personali ma hix istitwita ħażin billi d-digriet tas-Sekond'Awla li jkun awtorizza dak il-proċediment ikun ilu mogħti aktar minn xahrejn meta saret il-kawża.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi, wara li ppremettiet li l-konvenut, żewġha, irrenda ruħu ħati lejha ta' eċċessi, minaċċi, sevizi, u ingurji gravi, talbet li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, li l-kura tat-tfal minuri tiġi fdata lilha, u l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilha, għall-manteniment tagħha u tat-tfal, dik is-somma li tiġi ritenuta xierqa. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat il-verbal in data 22 ta' April 1950, li minnu jirriżulta li l-konvenut issolleva l-eċċezzjoni illi d-digriet tas-Sekond'Awla fuq imsemmi ma kellux vigur meta ġiet istitwita l-kawża, billi mid-data tiegħu għall-propożizzjoni tal-kawża għaddew aktar minn xahrejn;

Semgħet id-difensuri fuq dina l-eċċezzjoni, u kkunsidrat:

Illi, kif ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Jannar 1912 fil-kawża "Vella vs. Vella", id-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 552 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jiġifieri illi kull digriet ta' awtorizzazzjoni jew permess għal kull konvenzjoni jew rinunzja, mogħti mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, ma jibqax jseħħ kemm il-darba l-att tal-konvenzjoni jew rinunzja, imsemmi fid-digriet, ma jsirx fi żmien xahrejn minn dak in-nhar tad-digriet jew mill-ġurnata mogħtija fid-digriet, ma tidherx raġjonevolment li tikkolpixxi d-digrieti kollha tas-Sekond'Awla menzjonati fl-art. 470 ta' l-istess Kodiċi, li jiddisponi illi t-talba għall-awtorizzazzjoni jew permess biex wieħed jista' jikkuntratta jew biex jagħmel dispożizzjonijiet li l-liġi ma tippermettix mingħajr dik l-awtorizzazzjoni jew permess, u għal provvediment jew ordni ieħor ta' ġurisdizzjoni volontarja u ta' natura ċivili, għandha ssir lis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti b'rikors; u dana għaliex f'dik id-dispożizzjoni ta' l-art. 552 hemm komminata ċ-ċessazzjoni ta l-effetti tad-digrieti ta' awtorizzazzjoni jew permess għal kull konvenzjoni jew rinunzja, jekk ma jiġux eżegwiti fi żmien xahrejn, limitatament, u mhux indistintament għall-oġġetti kollha enumerati fl-art. 470 ta' qabel, u trattandosi ta' kaduċità jew ċessazzjoni ta' kwalsijasi att, mhix haġa ġusta li tiġi adottata interpretazzjoni estensiva;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara li dan il-ġudizzju ġie regolarment propost, u tordna li l-kawża tiġi trattata fil-meritu;

**Spejjeż riżervati;**